

Brussell, 22 ta' Frar 2019
(OR. en)

6553/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0074(COD)

CODEC 468
PECHE 72

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-23 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ msemmija hawn fuq, abbażi tal-Artikolu 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018².
3. Fit-12 ta' Frar 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 7245/18.

² ĠU C 440, 6.12.2018, p. 171.

³ 6208/19.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 78/18, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
 - jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa tiddaħħal id-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum 1 għal din in-nota u li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġislattiv;
 - jordna li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum 2 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
